MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 440/2003

**Malta Tourism Authority**

**Vs**

**Joseph Pisani**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf tmien mija u tlieta u ghoxrin liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm1,823.10) rapprezentanti arretrati ta' licenzji u kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mid-Dokumenti annessi mal-avviz u markati A, B u C.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gi engunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti markati "A" "B" u "C" a fol 2 sa fol 4 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-Istess Awtorita’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-21 ta' Gunju 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess Awtorita’ attrici s-somma ta' Lm1823.10,0 bl-imghax legali mill-hamsa (5) ta’ Settembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv. u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------